TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 231/14-F

**Josephine Agius**
**vs**
**Mirage Holdings Limited**

Illum 10 ta' Marzu, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u disgħa w disgħin ewro (€599), rappreżentanti l-prezz ta' *fridge/freezer* li wara ħmistax-il ġurnata li kienet ilha għandha beda jqattar l-ilma fil-*fridge*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *fridge/freezer* mingħand is-soċjeta' intimata u ftit ġranet wara beda jkun hemm ħafna taqtir tal-ilma bil-konsegwenza li l-*fridge* ma kinitx qed taħdem tajjeb.

Is-soċjeta' ntimata ippruvat tagħmel minn kollox sabiex issolvi l-problema, pero' ikkonkludiet li din hija konsegwenza tal-umdita' li hemm fid-dar.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonkludi li meta tixtri *fridge/freezer* ma tippretendix li tibda tqattar l-ilma fiha speċjalment immedjatament, u li allura l-użu tagħha mhux tajjeb għal dak li qed tinxtara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), u b'dan illi l-*fridge/freezer* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888